MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 1321/2010

**Gheiti and Sons Limited**
**vs**
**Perit Arkitett Colin Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' rikorrenti tal-21 ta' Dicembru 2010 li tghid hekk:

1. Illi l-konvenut kien gie nkarigat mis-socjeta' attrici sabiex jippresta servizzi professjonali b'rabta mad-demolizzjoni ta' bini u thaffir fuq il-fond maghruf bin-numru tmienja u erbghin (48), fi Triq Censu Busuttil, Fgura, u kif ukoll b'rabta mal-kostruzzjoni ta' diversi appartamenti u garaxxijiet fuq l-istess fond;

2. Illi wara t-tmiem tax-xoghlijiet imwettqin fuq il-fond imsemmi, il-konvenut ghadda biex nizzel u wettaq l-

iskrizzjoni fir-Registru Pubbliku ta’ ipoteka legali specjali, ghall-ammont ta’ disat elef seba’ mija u sebghin Euro u sitta u tmenin centezmu (€9,770.86), kif ukoll ghal imghaxijiet dekorsi, fuq il-proprjeta’ maghrufa bl-isem “Ta’ Marie Court”, fi Triq Censu Busuttil, Fgura, liema iskrizzjoni ghandha n-numru progressiv 11126;

3. Illi l-ammont pretiz mill-konvenut huwa kkontestat, stante li s-socjeta’ attrici qed tallega li dan m’huwiex dovut billi s-servizzi rezi mill-konvenut *inter alia* ma gewx ipprestati skond is-sengha u l-arti, bil-konsegwenza li s-socjeta’ attrici soffriet u ghadha ssoffri danni;

4. Illi l-ipoteka specjali iskritta mill-konvenut tolqot immobbli illi l-valur komplessiv tieghu jeccedi palezement il-kreditu vantat mill-konvenut, u ghalhekk hemm lok illi din l-iskrizzjoni tigi mnaqqsa u limitata fuq bicciet jew uhud mill-partijiet ta’ l-immobbli milqut;

5. Illi l-immobbli milqut, konsistenti f’numru ta’ appartamenti u garaxxijiet, jista’ jigi mifrud bla xkiel, u ghalhekk ma hemmx ostakolu sabiex l-iskrizzjoni in kwistjoni tigi mnaqqsa ghal partijiet jew uhud minnu;

6. Illi l-konvenut, ghalkemm interpellat diversi drabi, baqa’ ma resaq qatt ghall-att pubbliku sabiex isir it-tnaqqis mitlub mis-socjeta’ attrici;

7. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant is-socjeta’ esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-immobbli maghruf bl-isem “Ta’ Marie Court”, fi Triq Censu Busuttil, Fgura, jikkonsisti minn diversi bicciet li ghal fini ta’ iskrizzjoni ipotekarja jistghu jigu mifruda bla xkiel;

2. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-jedd tal-konvenut kif vantat permezz ta’ l-iskrizzjoni ipotekarja bin-numru progressiv wiehed wiehed wiehed tnejn sitta (11126) jista’ jigi limitat

ghal bicca jew ghal wiehed jew ghal xi whud mill-immobbli maghruf bl-isem “Ta’ Marie Court”, fi Triq Censu Busuttil, Fgura;

3. Tidentifika liema bicciet jew uhud mill-immobbli maghruf bl-isem “Ta’ Marie Court”, fi Triq Censu Busuttil, Fgura, ghandhom valur sufficjenti li jirrispekkja l-kreditu pretiz u ipotekat mill-konvenut, occorrendo permezz ta’ periti nominandi;

4. Tordna illi l-iskrizzjoni ipotekarja bin-numru progressiv wiehed wiehed wiehed tnejn sitta (11126) tigi mnaqqsa ghal dawk il-bicciet jew ghall-uhud mill-immobbli maghruf bl-isem “Ta’ Marie Court”, fi Triq Censu Busuttil, Fgura, identifikati minnha;

u dan kollu previa kull dikjarazzjoni jew provvediment iehor li lilha jidhrulha xierqa u opportuni;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficcjali bin-numru 3989/2010, li huwa minn issa ngunt in subizzjoni, u b’riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta’ attrici skond il-ligi;

Rat ir-risposta presentata tal-intimat li tghid hekk:

1. Illi t-talbiet tas-socjeta’ rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta in kwantu nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi pprovat fil-mori ta’ dawn il-proceduri, fost affarijiet ohra minhabba l-fatt illi l-esponent iskriva l-privilegg (numru progressiv 11126) skond il-ligi u fit-terminu moghti mill-ligi sabiex jikkawtela l-ammont ta’ disat elef seba’ mija u sebghin Euro u sitta u tmenin centezmu (€9,770.86) flimkien ma l-imghaxijiet dekorsi ghas-servizzi rezi lis-socjeta’ rikorrenti;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ser jipprocedi rikonvenzjonalment sabiex jigi kanonizzat bhala kreditur tas-socjeta’ rikorrenti permezz tal-kontrotalba li qeghda tigi pprezentata kontestwalment ma’ din ir-risposta guramentata;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ rikorrenti li r-rapprezentanti taghha huma min’issa ngunti in subizzjoni;

Rat il-kontrotalba tal-intimat li tghid hekk:

1. Illi r-relazzjoni ta’ xoghol bejn l-intimat rikonvenzjonant u s-socjeta’ rikonvenzjonata ilha ghaddejja ghal dawn l-ahhar hames snin u qatt ma kien hemm problemi fir-rigward ta’ l-inkarigu li kellu jezegwixxi l-istess intimat rikonvenzjonant li gie itterminat fis-sena 2008 b’rabta mad-demolizzjoni ta’ bini u thaffir fuq il-fond maghruf bin-numru tmienja u erbghin (48) fi Triq Censu Busuttil, Fgura, kif ukoll b’rabta mal-kostruzzjoni ta’ diversi appartamenti u garaxxijiet fuq l-istess fond;

2. Illi matul dawn is-snin inhargu sensiela ta’ *invoices* fil-konfront tas-socjeta’ rikonvenzjonata u jirrizulta li dawn l-*invoices* dejjem gew accettati u mhallsa mill-istess socjeta’ rikonvenzjonata;

3. Illi mill-ahhar *invoice* ta’ l-10 ta’ Dicembru 2008 li ntbaghtet lis-socjeta’ rikonvenzjonata, l-istess socjeta’ giet interpellata diversi drabi mill-intimat rikonvenzjonant sabiex tghaddi ghall-hlas tal-bilanc dovut ghall- ammont ta’ disat elef seba’ mija u sebghin Euro u sitta u tmenin centezmu (€9,770.86) flimkien ma l-imghaxijiet dekorsi rapprezentanti d-drittijiet professjonali ta’ l-istess intimat rikonvenzjonant;
4. Illi s-socjeta’ rikonvenzjonata qatt ma ikkontestat dan il-kont anzi rapprezentanti ta’ l-istess socjeta’ kienu jitolbu lill-intimat rikonvenzjonant sabiex jaghti aktar zmien biex jithallas ghaliex il-qaghda finanzjarja tas-socjeta’ ma kienetx tajba;
Ghaldaqstant umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li s-socjeta' Gheiti & Sons Limited hija debitirici fis-somma ta’ disat elef seba’ mija u sebghin Euro u sitta u tmenin centezmu (€9,770.86) flimkien ma’ l-imghaxijiet dekorsi rapprezentanti d-drittijiet professjonali tal-istess intimat rikonvenzjonant;

2. Tordna illi l-Perit Colin Zammit jigi ikkanonizzat bhala kreditur tas-Socjeta’ Gheiti & Sons Limited ghas-somma ta’ disat elef seba’ mija u sebghin Euro u sitta u tmenin centezmu (€9,770.86) flimkien ma’ l-imghaxijiet dekorsi;

3. Tikkundana lis-socjeta' Gheiti & Sons Limited thallas l-ispejjez tal-prezenti kawza;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici rikonvenzjonata li hija minn issa ngunta in subizzjoni u b'rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-intimat rikonvenzjonant;

Rat ir-risposta tas-socjeta’ rikorrenti li tghid hekk:

1. Illi fl-ewwel lok, ir-rikonvenzjoni tal-konvenuta hija nulla u inammissibbli billi ma tissodisfax ir-rekwiziti ta’ l-artikolu 396 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Illi fit-tieni lok, u minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, dina l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex tiehu konjizzjoni tat-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant, billi hija inkompetenti *ratione valoris*, ai termini ta’ l-artikolu 47 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, u billi l-konvenut rikonvenzjonant kellu jressaq it-talbiet tieghu quddiem il-Qorti kompetenti li tiehu konjizzjoni taghhom, kif irid l-artikolu 744 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;

3. Illi fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni tal-konvenut rikonvenzjonant hija preskritta ai termini ta’ l-artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili;

4. Illi fir-raba’ lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenut rikonvenzjonant m’ghandu l-ebda dritt ta’ hlas fil-konfront tal-kumpannija esponenti billi s-servizzi minnu prestati ma sarux skond is-sengha u l-arti, bil-konsegwenza li l-kumpannija esponenti soffriet u ghadha ssoffri danni;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut rikonvenzjonant, li huwa minn issa ngunt in subizzjoni, u b'riserva ta' kwalsiasi azzjoni spettanti lill-kumpannija esponenti skond il-ligi;

Rat il-verbal tal-Qorti tat-22 ta' Frar 2011 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet fir-risposta tas-socjeta' rikorrenti ghat-talbiet rikonvenzjonali tar-rikorrenti;

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

**Fatti**

Illi fil-qosor it-talba tar-rikorrenti tirrigwarda ipoteka specjali iskritta skond il-ligi mill-intimat qua perit inkarigat minn xogholijiet tas-socjeta' rikorrenti ghal servizzi professjonali minnu resi lis-socjeta' rikorrenti. Is-socjeta' rikorrenti qed tilmenta illi l-ipoteka tikkolpixxi proprjeta taghha li l-valur taghha jeccedi bil-wisq dak pretiz mill-intimat u illi tali proprjeta hi maghmula minn diversi appartamenti singoli, fejn jista' jigi marbut biss parti in garanzija tal-hlas allegatament dovut lill-intimat. Dan il-hlas qed jigi kontestat billi qed jigi allegat li l-operat tal-intimat ikkawza danni lis-socjeta' attrici, liema danni mhux parti mill-mertu ta' din il-vertenza.

L-intimat oppona ghar-riduzzjoni w ipprezenta il-kontrotalba tieghu biex il-kreditu tieghu jigi kanonizzat b'sentenza tal-Qorti.

Is-socjeta' rikorrenti qed tilqa' ghal din il-kontrotalba b'zewg eccezzjonijiet preliminari, l-ewwel wahda illi l-kontrotalba ma taqax fil-parametri ta' dak sancit fl-artikolu 396 tal-Kapitolu 12 u illi l-kontrotalba hi ghal ammont li jaqa' fil-kompetenza ta' Qorti Inferjuri u mhux tal-Prim Awla u kwindi hemm l-inkompetenza *ratione valoris* ta' din il-Qorti.

**Ligi**

Kontrotalba tista’ ssir ai termini tal-artikolu 396 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta f’dawn ic-cirkostanzi:

a. Meta l-kontrotalba tal-konvenut tkun gejja mill-istess fatt jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun gejja t-talba tal-atturi;

b. jew meta l-iskop tal-kontrotalba tal-konvent hi li jpaci l-kreditu mitlub mill-attur, jew b’kull mod iehor igib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew jimpedixxi l-effetti taghha.

Kif ighid il-Mortara (Manuali di Procedura Civili 5a ed. tal-1 para. 194) hemm rikonvenzjoni ”*in quelle istanze che il convenuto propone contro l’attore in occasione del giudizio da costui promosso, per ottenere la condanna del medesimo ad una prestazione che il convenuto intende d’esigere a titolo di contro pretesa*”. Kif qalet ukoll il-Qorti fis-sentenzi fl-ismijiet “**Paul u Agnes konjugi Bezzina vs Eagle Beams Limited** et” (Citaz. Numru 881/97/RCP) deciza fl-4 ta’ Dicembru 1998, u “**Dr. Vincent Falzon nomine vs Raymond u Salvina Mifsud**” (Citaz. Nru. 2302/97/RCP) deciza fl-1 ta’ Gunju 1999 kontro-talba hija permessa meta hemm:

(i) *La communanza di origine delle causi e vi è communanza di origine quando le due domande emanano dallo stesso fatto o dallo stesso contratto o titolu, ovvero*

(ii) *La eliminazione reciproca delle due domande che esiste non solo in caso di pretesa compensazione, ma anche quando le domande dell’attore verebbe a esser <u>in qualche altro modo</u> perente, ovvero benche il vincolo permanga, pure non posse produrre ulteriori effetti.* (“**Neg. Luigi Spiteri Debono vs Neg. Charles Darmanin nomine**” – Dec. 24-4-1930 K.A.M.).

L-artikolu 396 ghalhekk jipprovdi li l-konvenut jista’ jaghmel kontrotalba basta li din il-kontrotalba tkun <u>konnessa mat-talba tal-atturi</u> meta l-kontrotalba (1) tkun gejja <u>mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew mill-istess titolu</u> li minnu tkun gejja t-talba tal-atturi jew (2) meta l-

iskop tal-kontrotalba tal-konvenut hu li jpaci l-kreditu mitlub mill-attur jew b'kull mod iehor igib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew jimpedixxi l-effetti taghha. Kif qalu tajjeb il-Qrati, "la riconvenzione dicesi eccezione non in senso stretto, ma in senso largo, inquantoche il-convenuto puo opporre in giudizio all' azione contro di lui proposta, non sola la eccezione ma pure la riconvenzione; cioe domanda quel che gli si deve nello stesso tempo in cui si agisce contro di lui e nello stesso giudizio. Vi è convenzione semprecche per eccezione ad una domanda principale, si opponga un altra domanda egualmente principale" (Vol. XI, pg. 78).

Pero kif qalet il-Qorti fil-kawza Air Malta plc vs Lawrence Borg nomine (PA 30.06.2004) li rreferiet ghal sentenzi antecedenti "l-ghan ta' parti mharrka li ggib fix-xejn azzjoni mressqa kontriha ma jirrendix gustifikat invarjabbilment it-tressiq ta' att gudizjarju fl-ghamla ta' rikonvenzjoni. L-istess ghan jintlahaq b'nota tal-eccezzjonijiet. Ma kien qatt il-hsieb tal-legislatur li jirrendi l-azzjoni rikonvenzjonali bhala strument ordinarju li bih kull kawza tfaqqas fi tnejn. Kemm hu hekk, ir-rikonvenzjoni hi rimedju straordinarju procedurali li ghandu hsieb u ghan specifiku, u kemm hu hekk hi wahda minn dawk il-proceduri li l-kodici jsejjah 'specjali'".

**Konsiderazzjoni tal-Qorti**

Mehudin dawn l-insenjamenti fil-kumpless taghhom it-talba attrici hi limitata biss ghal tnaqqis fil-garanzija imposta fuq is-socjeta' atttrici mill-konvenut in kawtela tal-allegat kreditu dovut lill-konvenut.

Hu car illi l-kontrotalba tal-konvenut ghal kanonizazzjoni tal-kreditu ma ggibx fix-xejn it-talba attrici u anqas ser timpedixxi l-effetti taghha. Dak li qed titlob is-socjeta' attrici mhix ic-cahda ta' kwalsiasi dritt li jista' jivvanta l-konvenut fil-konfront taghha izda li l-garanzija ghal dak il-pretiz dritt jigi limitat qua ammont u mhux bhala dritt, liema dritt irid jigi investigat f'sede u kawza appposita. Il-Qorti hi tal-fehma illi l-konvenut ma jistax isostni l-kontrotalba fuq dan is-subinciz tal-artikolu 396.

Din il-Qorti hi tal-fehma wkoll illi l-konvenut lanqas jista' jistrih fuq l-ewwel subinciz tal-artikolu 396 ghalkemm jidher prima facie li kien hemm rabta kontrattwali bejn il-partijiet konsistenti f'ghoti ta' servizz professjonali mill-konvenut lis-socjeta' attrici, pero l-kawza ma tolqotx il-kuntratt jew xi titolu li minnu tkun gejja t-talba attrici. Lanqas jista' jinghad li l-kontrotalba tal-konvenut temana mill-istess fatt. Il-fonti tat-talba attrici hi l-ipoteka specjali registrata mill-konvenut ai termini tal-ligi biex jissalvagwarda l-interessi tieghu ghal allegat kreditu pretiz minnu ghal servizzi professjonali rezi lis-socjeta attrici. Invece l-fonti tal-kontrotalba hu l-kreditu nnifsu li mhux mittiefes mis-socjeta' attrici fit-talba taghha in kwantu mhux qed jigi attakkat il-kreditu f'din l-istanza izda biss l-ipoteka specjali registrata ghal ammont specifiku u l-irbit ta' proprejta tas-socjeta' attrici li tisboq l-ammont pretiz b'ammonti sostanzjalment aktar minn dak pretiz. Ma hemm ebda komplimentarjeta bejn iz-zewg talbiet kif titlob il-ligi u kwindi l-kontrotalba tal-konvenut ma tistax tissusisti f'din il-vertenza.

Is-socjeta' attrici pero izzid li minghajr pregudizzju ghal din l-eccezzjoni t-talbiet tal-konvenut jaqaw fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati u ghalhekk ma jistghux jinstemghu min din il-Qorti qua kontrotalba.

L-artikolu 397 tal-Kap. 12 ighid li l-effett ta' kontrotalba hu illi bhala procedura l-atti tat-talba u kontrotalba isiru process wiehed flimkien u decizi fl-istess azzjoni.

Dan l-artikolu pero bhall-artikolu 396 ma jaghtix ebda indikazzjoni ta' xi regoli li jridu jigu segwiti f'kaz bhal dan in ezami meta hu car illi l-ammont mitlub mill-konvenut mehud wahdu minghajr referenza ghal kawza tas-socjeta' attrici jaqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati. Din il-Qorti ma tqis li kellhom jizdiedu la l-VAT mas-sorte u anqas l-imghaxijiet mas-sorte mitlub biex tasal ghall-konkluzzjoni jekk it-talba taqax fil-kompetenza ta' din il-Qorti billi la l-VAT u anqas l-imghax mhux parti mill-kreditu izda hu meqjus bhala rikompens ghat-telf li sofra l-kreditur sakemm jithallas tal-kreditu w inoltre l-ammont tal-imghax

hu ipotetiku ghax jiddependi mis-sorte li talvolta jista’ jigi aggudikat favur il-konvenut, kwistjoni li hu car ghadha pendenti bejn il-partijiet. Kwindi ghall-ezami tal-kompetenza o meno tal-Qorti tried tittiehed biss il-pretensjoni tal-konvenut bhala l-bazi ghal-fini ta’ determinazzjni tal-kompetenza.

Dan il-punt dwar il-kompetenza f’kontrotalba gie trattat fil-kawza C. Fino and Sons Limited vs Neville Bonnici et (Qorti Magistrati 27/04/2005) fejn il-Qorti qalet hekk:

“L-Artikoli 744 ta’ l-istess Kodici ta’ Organizzazzjonji u Procedura Civili jipprovdi hekk:

*‘Id-dispozizzjonijiet ta’ l-ahhar artikolu qabel dan jghoddu wkoll meta r-rikonvenzjoni ghal ragunijiet ohra ma tistax tigi proposta quddiem il-Qorti li fiha l-attur ikun ippropona t-talba tieghu, f’dan il-kaz it-talba tal-konvenut jekk tkun konnessa mat-talba ta’ l-attur ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-Artikolu 396 tista’ issir quddiem kull Qorti ohra kompetenti f’Malta*’.

Ghalkemm dan l-istess Artikolu jaghmel ukoll riferenza ghall-Artikolu 743 li jitkellem dwar il-gurizdizzjoni li tahta jaqa’ kull rikonvenut f’kawza minnu proposta, ghal ragunijiet ta’ pratticita’ u anke ghall-ekonomija tal-gudizzju, l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-Artikolu 744 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, hija illi, meta l-kontrotalba ma tissuperax u ma tezorbitax il fuq mill-kompetenza tal-Qorti li qed tiehu konjizzjoni tat-talba attrici sakemm il-kontrotalba tkun taqa’ fil-binarji stabbiliti mill-Artikoli 396, 397 il-Qorti ghandha l-jedd li tiehu konjizzjoni anke ta’ dik il-kontrotalba u tiddecidieha fl-istess gudizzju li fih tiddeciedi t-talba attrici”.

Din il-Qorti ma taqbilx ma’ dan l-insenjament billi ghalkemm iz-zewg kawzi jinstemghu flimkien u dan in omagg ghat-tendenza tal-Qorti lejn l-ekonomija tal-gudizzju u dupplikar mhux necessarju ta’ proceduri gudizjarji, wiehed iried izomm quddiem ghajnejh ukoll illi fl-istitut tar-rikonvenzjoni l-azzjoni u l-azzjoni

rikonvenzjonali jitqiesu bhala zewg azzjonijiet li kapaci joqoghdu wahidhom f'ezistenza indipendenti w awtonoma. Ghalkemm fir-rikonvenzjoni hemm konnessjoni taz-zewg kawzi, b'daqshekk ma jfissirx u wiehed ma ghandux jifhem li l-kontrotalba tkun dipendenti fuq it-talba jew in-natura taghha. Ghalhekk jekk ghal xi raguni t-talba principali taqa' ghal kwalisiasi raguni, il-kontrotalba li ma titlifx minn natura taghha ta' kawza indipendenti w awtonoma trid tkun kapaci tghix wahedha. F'dan il-kaz hemm ostakolu insormontabbli ghax l-inkompetenza tal-Qorti *ratione valoris* tal-kontrotalba taht l-artikoli 47 u artikolu 748(a) tal-Kap. 12 qua kawza awtonoma mhix wahda li tista' tigi skartata la ghall-ekonomija tal-gudizzju u anqas ghal nuqqas ta' dupplikar ta' procedura.

Ghalhekk hi l-fehma tal-Qorti li anki din l-eccezzjoni tas-socjeta' attrici ghal kontrotalba tal-konvenut ghandha tigi milqugha.

Ghalhekk il-Qorti taqa' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici billi tiddikjara li r-rikonvenzjoni tal-konvenut ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-artikolu 396 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u kwindi hi inammissibbli u wkoll peress fi kwalunkwe kaz din il-Qorti hi inkompetenti li tisma' l-kontrotalba ratione valoris, u ghal din ir-raguni wkoll il-kontrotalba hi inammissibbli.

L-ispejjez huma a karigu tal-intimat.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------